MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2012

Numru. 831/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Joseph Fino**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ Joseph Fino ta’ sitta u hamsin (56) sena, bin il-mejjet Carmelo u l-mejta Concetta nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Lulju 1955, u joqghod 43 “Solana”, Flat 1, Triq is-Sirk, Swieqi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 477755(M), akkuzat talli bejn Jannar 2005 u Dicembru 2008 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita’ tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tas-socjeta’ *Fino Futuro Limited,* approprja

ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' sitta u sittin elf, sebgha mija u tlettax il-Euro u tmienja u hamsin centezmu (€66,713.58), ai termini ta' l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*fol.* 71) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja (*fol.* 81).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u ma ressaq l-ebda prova.
Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat fil-kapacita' tieghu personali bhala direttur tas-socjeta' Fino Futuro Limited b'approprjazzjoni bla jedd u dana wara li gew sottomessi VAT *returns* minghajr il-hlasijiet migbura.

Illi, fis-seduta tas-17 ta'Ottubru 2011, xehed **Paul Scicluna** (*fol.* 7 *et seq.*), in rapprezentanza tad-Dipartiment rigward it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Ix-xhud imsemmi ezebixxa s-segwenti:

- Dok. “PS 1” (*fol*. 10) – ittra mibghuta minnu f’isem il-Kummissarju tal-VAT liema ittra intbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija;
- Dok. “PS 2” (*fol*. 11) – *Registration Form* da parti ta’ l-imputat bhala direttur tas-socjeta’ Fino Futuro Limited;
- Dok. “PS 3” (*fol*. 12) – estratt mis-sistema tad-Dipartiment li jindika l-ammonti rispettivi mhallsa u dikjarati u l-bilanc pendenti;
- Dok. “PS 4” (*fol*. 13) – rendikont tad-denunzji sottomessi rikapitulati f’lista wahda fejn hemm indikat l-ammont dikjarat, l-ammont imhallas u l-bilanc pendenti;
- Dok. “PS 5” (*fol*. 14) – elenku ta’ hlasijiet li saru mis-socjeta’ in kwistjoni lid-dipartiment;
- Dok. “PS 6” (*fol*. 16) – estratt mill-MFSA li jindika lill-imputat bhala direttur tas-socjeta’ Fino Futuro Limited;
- Dok. “PS 7” (*fol*. 19) – denunzji sottomessi mis-socjeta’ in kwistjoni lid-dipartiment fejn fiha hemm il-valuri ndikati dovuti lid-dipartiment.

Mistoqsi, in <u>kontro-ezami</u>, jekk in-numru tal-VAT in kwistjoni ghadux registrat mad-dipartiment, ix-xhud wiegeb li la darba hemm pendenzi dovuti n-numru bilfors jibqa’ attiv u dan peress li n-numru ma jitwaqqafx la darba hemm pendenzi mad-dipartiment.

Illi, fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2011, xehed ukoll l-i**Spettur Maurice Curmi** (*fol.* 35 *et seq.*) li xehed li b’ittra datata 26 ta’ Mejju 2011 mid-Dipartiment tal-VAT, l-istess dipartiment kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi kontra d-direttur ta’ Fino Futuro Limited, bl-isem ta’ certu Joseph Fino, minhabba li kienu gew dikjarati l-ammont ta’ € 66,713 li kienu dahlu mill-istess kumpanija u ma thallsux lid-dipartiment tal-VAT. Ix-xhud jghid li meta baghat ghall-imputat, l-imputat, wara li kkonferma li kien id-direttur tal-kumpanija msemmija, meta gie mistoqsi jghid ghala dawn l-ammonti ma thallsux, wiegeb illi l-kumpanija kienet ghaddejja minn zminijiet difficli u li l-flus li kienu gew dikjarati kienu ntuzaw biex thallsu l-pagi u affarijiet ohra relatati max-xoghol ta’ l-istess kumpanija. Ix-xhud ezebixxa dikjarazzjoni fejn l-imputat kien irrifjuta avukat, liema dikjarazzjoni giet

immarkata bhala Dok. “MC 1” u ezibixxa wkoll l-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat li giet immarkata bhala Dok. “MC 2”.

Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2011, xehdet **Dr. Claudette Fenech** (*fol.* 47 *et seq.*) li qalet li kienet il-*legal advisor* mar-Registry of Companies u ezebiet Memorandum & Articoles tas-socjeta’ Fino Futuro Limited bin-numru tar-registrazzjoni C12899, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. “CF 1”.

Illi, fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2011, xehdet **Connie Azzopardi** (*fol*. 73 *et seq.*) li xehdet li tokkupa l-kariga ta’ *senior principal* u tahdem fil-*legal section* tad-dipartiment tal-VAT. Ix-xhud qalet li mill-bilanc dovut li kien € 66,713.58 sar pagament fil-mori tal-kawza minn Fino Futuro Limited lid-Dipartiment tal-VAT ta’ € 2000, li sar fid-9 ta’ Novembru 2011 u b’hekk kien ghad fadal bilanc ta’ € 64,713.58. Mistoqsija tghid jekk l-imputat lahaqx xi forma ta’ ftehim mad-dipartiment tal-VAT, wiegbet illi mill-verifiki li ghamlet ma rrizultalhiex.

Illi, fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2012 regghet xehdet **Connie Azzopardi** (*fol.* 80) li xehdet li mill-ahhar darba li din xehdet, cioé mill-15 ta’ Dicembru 2011, ma rrizultax li sar ebda hlas iehor u b’hekk il-bilanc kien ghadu ta’ € 64,713.58.

Riferenza ghanda ssir ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat (*fol*. 39 *et seq.* – Dok. “MC 2”) fuq liema dikjarazzjoni l-imputat ddikjara li hu jahdem bhala direttur tal-kumpanija Fino Futuro Limited fejn l-imputat qabel li l-kumpanija li huwa direttur taghha kellha kont pendenti mad-dipartiment tal-VAT u fejn qal li kien lest li jasal ghal xi forma ta’ kompromess biex ikun jista’ jhallas kollox. Fl-stqarrija tieghu l-imputat wiegeb illi hu kien qed jaqbel illi kien hemm kontijiet li ma thallsux lid-dipartiment tal-VAT li jmorru lura ghas-sena 2005. Meta gie mistoqsi jghid ghaliex il-kontijiet dovuti lid-dipartiment tal-VAT ma thallsux meta kien diga ddikjara dawn l-ammonti fir-*returns* li hu stess ghadda lid-dipartiment tal-VAT, it-twegiba kienet minhabba li l-kumpanija ma kinitx sejra

tajjeb hafna. Qal ukoll li meta dahlu ir-*returns*, il-kumpanija ma kellhiex l-ammont ta' flus li gew iddikjarati u ghalhekk dawn ma thallsux. Mistoqsi jghid x'sar ezatt mill-flus li ddahlu f'isem id-dipartiment tal-VAT jghid li dawk marru f'pagi u spejjez ohra relatati mat-tmexxija tal-kumpanija. Meta gie mistoqsi jghid jekk setghax ikun li xi parti mil-flus dovuti lid-dipartiment tal-VAT intuzaw ghall-affarijiet personali tieghu, it-twegiba kienet fin-negattiv anzi qal li dawn intefqu fil-kumpanija biex tkun tista' tibqa' tahdem. Jghid illi kien dispost ukoll illi jaghmel xi pagamenti fix-xahar sabiex jithallas il-bilanc lid-dipartiment. Meta giet rilaxxata l-stqarrija, cioé fid-19 ta' Lulju 2011, l-imputat, ghad-domanda jekk il-kumpanija kinitx miexja sew dak iz zmien, qal illi kienet bdiet tirranka xi ftit.

**Ikkunsidrat**

Illi jinghad illi Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittrattaw fuq ir-reat ta' misapproprijazzjoni u cioe` meta persuna zzomm flejjes li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. L-Artikolu 294 jaghmilha cara li dan ir-reat japplika ukoll ghal dawk il-persuni li jaghmlu hekk in konnessjoni max-xoghol jew mestjier taghhom.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:
*"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:*

***Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle***

***esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole***".

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz in ezami gie pruvat li l-imputat huwa direttur tas-socjeta' Fino Futuro Limited u dana jirrizulta mill-Memorandum & Articles tas-socjeta' imsemmija (*fol.* 49 *et seq.*). Minkejja li fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur tal-imputat jghid li mill-provi ma rrizultax li l-imputat dawwar fi profit ghalih jew ghal parti iehor il-flejjes in kwistjoni u anqas ma ngabet il-prova li kien hemm l-intenzjoni li wiehed japproprja dawn il-flejjes, pero l-Qorti ma taqbilx ma' dan. Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat (*fol*. 39 *et seq.* – Dok. "MC 2") l-imputat kkonferma li s-socjeta' Fino Futuro Limited kellha kontijiet pendenti mad-dipartiment tal-VAT li jmorru lura ghas-sena 2005. Ghall-mistoqsija: *"Tispjegali ezatt x'ghamiltu bil-flus li dahhaltu f'isem id-Dipartiment tal-VAT"*, l-imputat wiegeb: *"Dawk marru f'pagi u spejjez ohra relatati mat-tmexxija tal-kumpanija"* (*fol.* 40). Fl-istess stqarrija l-imputat qal li kien lest li jasal ghal xi forma ta' kompromess biex ikun jista' jhallas kollox.

Illi d-difiza, fit-trattazzjoni taghha, ghamlet riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Frar 2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina** u l-istess difiza rriteniet li dan

kien kaz kwazi identiku ghal dak mismugh minn din il-Qorti. Bid-dovut rispett, il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Filwaqt li l-fatti huma simili pero filwaqt li fil-kaz citat ma jirrizultax li kienet ittiehed stqarrija tal-imputat mill-Pulizija, fil-kaz odjern dan m'huwiex il-kaz.

Illi wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

*"Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-<u>prova regina</u> w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".*

**Ikkunsidrat**

Illi ma jirrizultax li d-dikjarazzjoni tal-imputat giet mehuda b'mod mhux volontarju u b'hekk m'hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha u dana b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra dak li qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina** hawn fuq citata, cioé:

*"Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkometti r-reat ta' approprazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga nghad, ir-responsabilita' vikarja*

*ta' kull direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ammont dovut mill-imputat gie pruvat mid-dokumenti ezebiti u rrizulta li l-bilanc dovut, wara li kien thallas l-ammont ta' € 2000 fil-mori tal-proceduri, kien dak ta' € 64,713.58.

Illi minn dak kollu li nghad hawn fuq jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodifacentement pruvata.

Illi, fir-rigward ta' piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni, fosthom il-fedina penali tal-imputat u kif ukoll, b'mod partikolari, il-fatt li f'kaz li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva ma jkunx f'pozizzjoni li jhallas l-ammont dovut lid-Dipartiment koncernat u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputat jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista' fi zmien qasir ihallas lura dak li ghadu dovut u fin-nuqqas jiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlitt (3) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lid-Dipartiment tal-VAT s-somma ta' erbgha u sittin elf, seba' mija u tlettax il-Euro u tmienja u hamsin centezmu (€ 64,713.58).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' € 64,713.58 fiz-zmien lilu moghti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------